REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/674

tad-29 ta' April 2019

li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, l-Istati Membri ressqu fajls tekniċi għal 243 minn 330 indikazzjoni ġeografika stabbilita għax-xorb spirituż.

(2) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2013 [2], il-Kummissjoni vvalutat il-fajls tekniċi abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, u ffissat perjodu ta' żmien għall-emenda jew għall-irtirar ta' dawk il-fajls tekniċi mill-Istat Membru kkonċernat.

(3) Il-fajls tekniċi ta' "Königsberger Bärenfang", "Grappa di Marsala", "Kirsch Veneto"/"Kirschwasser Veneto" u "Sliwovitz del Veneto" ġew irtirati mill-Ġermanja u mill-Italja rispettivament.

(4) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 716/2013, jekk in-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-fajl tekniku ta' indikazzjoni ġeografika stabbilita mressaq skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 ma jiġux irrimedjati mill-Istat Membru fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni, dak il-fajl tekniku jitqies bħala mhux ippreżentat.

(5) In-nuqqasijiet li nstabu fil-fajls tekniċi ta' "Karlovarská Hořká", "Polish Cherry", "Orehovec", "Janeževec" u "Slovenska travarica" ma ġewx irrimedjati.

(6) Għalhekk jenħtieġ li l-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti "Karlovarská Hořká", "Königsberger Bärenfang", "Grappa di Marsala", "Kirsch Veneto"/"Kirschwasser Veneto", "Sliwovitz del Veneto", "Polish Cherry", "Orehovec", "Janeževec" u "Slovenska travarica" jitneħħew mill-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008.

(7) Għaldaqstant l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għax-Xorb Spirituż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

---

[1] ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2013 tal-25 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 21).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-kategorija tal-prodott 6. Grape marc spirit, il-linja

	"Grappa di Marsala	L-Italja"

tiħassar;

(2) fil-kategorija tal-prodott 9. Spirti tal-Frott, il-linji

	"Sliwovitz del Veneto *Kirsch Veneto/Kirschwasser Veneto*	L-Italja L-Italja"

jiħassru;

(3) fil-kategorija tal-prodott 25. Xorb alkoħoliku bit-togħma tal-aniżett, il-linja

	"Janeževec	Is-Slovenja"

tiħassar;

(4) fil-kategorija tal-prodott 30. Xarbiet spiritużi b'togħma morra/bitter, il-linja

	"Slovenska travarica	Is-Slovenja"

tiħassar;

(5) fil-kategorija tal-prodott 32. Likur, il-linji

	"Polish Cherry *Karlovarská Hořká*	Il-Polonja Ir-Repubblika Ċeka"

jiħassru;

(6) fil-kategorija tal-prodott 40. Nocino, il-linja

	"Orehovec	Is-Slovenja"

tiħassar;

(7) fil-kategorija tal-prodott Xorb spirituż ieħor, il-linja

	"Königsberger Bärenfang	Il-Ġermanja"

tiħassar.